IPPRESIEDA: Josep BORRELL FONTELLES

*President*

## 5. Merħba uffiċjali

Il-President, f'isem il-Parlament, ta merħba lill-membri tad-delegazzoni ta' l-Assemblea Federali Żvizzera mmexxija minn David Eugen, *Conseiller aux États*, li ħadu posthom fil-gallarija uffiċjali.

F'isem il-Parlament Ewropew, il-President ta wkoll merħba lill-membri ta' delegazzjoni mill-parlament ta' l-Ażerbajġan immexxi minn Siruz Tebrizli, chairman tal-kumitat tal-parlament dwar id-drittijiet tal-bniedem u kap tad-delegazzjoni Ażerbaġjana fil-kumitat għall-koperazzjoni interparlamentari ta' l-UE-Ażerbajġan- li kienu ħadu posthom fil-gallarija uffiċjali.

## 6. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati dettaljati tal-votazzjonijiet (emendi, voti separati u maqsuma, eċċ.) jidhru fl-Anness I tal-Minuti.

## 6.1. Elezzjoni tal-Kummissjoni (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0151/2004, B6-0165/2004, B6-0168/2004, B6-0185/2004, B6-0186/2004, B6-0187/2004 u B6-0188/2004 u Abbozz ta' deċiżjoni B6-0164/2004/rev.

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness I, punti 1 et 2)*

PROPOSTA GĦAL RIŻOLUZZJONI KOMUNI RC-B6-0151/2004
(minflok B6-0151/2004, B6-0168/2004, B6-0187/2004 u B6-0188/2004):

imressqa minn
— Hans-Gert Poettering u Íñigo Méndez de Vigo f'isem il-grupp PPE-DE,
— Martin Schulz u Hannes Swoboda f'isem il-grupp PSE,
— Andrew Duff u Graham Watson f'isem il-grupp ALDE,
— Brian Crowley u Roberta Angelilli f'isem il-grupp UEN

Approvazzjoni *(P6_TA(2004)0063)*

(Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0165/2004, B6-0185/2004 u B6-0186/2004 waqgħu.)

Tkellem José Manuel Barroso (President elett tal-Kummissjoni Ewropea).

Tkellmu: Hans-Gert Poettering f'isem il-grupp PPE-DE, Martin Schulz f'isem il-grupp PSE, Graham Watson f'isem il-grupp ALDE, Daniel Marc Cohn-Bendit f'isem il-grupp Verts/ALE, Francis Wurtz f'isem il-grupp GUE/NGL, Nigel Farage f'isem il-grupp IND/DEM, Brian Crowley f'isem il-grupp UEN, u Jean-Marie Le Pen Membru mhux affiljatmembru mhux affiljat.

Tkellem Hans-Gert Poettering f'isem il-grupp PPE-DE, dwar fatt personali wara l-intervent ta' Nigel Farage.

Tkellmu, f'isem il-grupp tagħhom, u biex jassoċjaw ruħhom ma' l-affermazzjonijiet li għamel Hans-Gert Poettering, Martin Schulz, Daniel Marc Cohn-Bendit, Graham Watson u Francis Wurtz.

Il-President stieden lil Nigel Farage biex jirtira l-affermazzjonijiet tiegħu, u jekk ma jagħmilx hekk, ikollu jbati l-konsegwenzi ta' l-intervent tiegħu.

Tkellem Nigel Farage li ntrabat li jirtira l-osservazzjonijiet li kien għamel kemm-il darba jkun ippruvat li dawn l-osservazzjonijiet ikunu żbaljati.

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI B6-0164/2004/rev.

Approvazzjoni *(P6_TA(2004)0064)*

Il-President feraħ lil José Manuel Barroso talli kien kiseb il-fiduċja tal-Parlament.

José Manuel Barroso għamel dikjarazzjoni qasira li fiha rringrazzja lill-Parlament tal-fiduċja li kien wera fih.

Atzo Nicolaï (President tal-Kunsill) għamel dikjarazzjoni qasira.

IPPRESIEDA: Gérard ONESTA

*Viċi President*

## 6.2. Attività ta' l-Ombudsman Ewropew (2003) (votazzjoni)

Rapport fuq ir-rapport annwali 2003 ta' l-Ombudsman Ewropew [2004/2091(INI)] — Kumitat dwar il-Petizzjonijiet.
Rapporteur: Proinsias De Rossa (A6-0030/2004)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness I, punt 3)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Approvazzjonia *(P6_TA(2004)0065)*

## 7. Spjegazzjonijiet tal-votazzjoni

*Spjegazzjonijiet tal-votazzjoni bil-miktub:*

L-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni li tressqu skond l-Artikolu 163(3) tar-Regoli ta' Proċedura jidhru fir-rapport verbatim ta' din is-seduta.

*Spjegazzjonijiet tal-votazzjoni orali:*

Elezzjoni tal-Kummissjoni:

Carlo Fatuzzo, Gary Titley, Frank Vanhecke, Philip Claeys u Jean-Marie Cavada.

Tkellem David Martin fuq it-tmexxija tal-votazzjoni (il-President wieġeb li l-President tal-Parlament se jkun infurmat b'dawn ir-rimarki).

## 8. Korrezzjonijiet tal-votazzjoni

Il-Membri li ġejjin ressqu korrezzjonijiet tal-votazzjoni:

Elezzjoni tal-Kummissjoni RC-B6-0151/2004

— emenda 1
*favur*: Thierry Cornillet, Edith Mastenbroek

— riżoluzzjoni (test sħiħ)
*favur*: Thierry Cornillet, Justas Vincas Paleckis, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou
*astensjoni:* Henri Weber

Abbozz ta' deċiżjoni B6-0164/2004

— deċiżjoni (test sħiħ)
*favur:* Rodi Kratsa-Tsagaropoulou
*astensjoni:* Maria Matsouka